MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Numru. 699/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**Rita Zammit**

**Illum 19 ta' Novembru 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 699/2009**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Rita Zammit, ta' 41 sena, bint Carmelo Cutajar u Tereza nee' Scicluna, imwielda Pieta' nhar is-6 ta' Settembru 1967 gewwa

Pieta’, u residenti fil-fond Blk L Flat 3, Triq Xemxija, Marsa detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 372367(M).

1) Akkuzata talli nhar it-3 ta’ Lulju 2009 ghall-habta ta’ 12:55hrs fi Triq il-Marsa, Marsa, volontarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, billi ghamlet hsara fuq vettura tal-marka Subaru Van, bin-numru tar-registrazzjoni EBI 485 liema hsara tiskorri €116.47 izda mhux €1164.70 ghad-dannu ta’ Antonia Debattista minn Bormla;
2) Akkuzata ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ ghajjat u glied;
3) Akkuzata ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamlet griehi ta natura hafifa fuq il-persuna ta’ Antonia Debattista kif gie ccertifikat minn Dr S B Das tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika il-provediment tal-artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur Antonia Debattista.

Rat l-artikoli 221, 222(1)(a), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta argument bejn zewg ahwa fi sfond ta’ disgwid familjari li ilu ghaddej is-snin.

Illi fil-gurnata in ezami l-parte leza Antonia Debattista kienet qeghda f’vettura (van ta’ tip Subaru b’numru ta’ registrazzjoni EBI 485) tistenna perit hdejn id-dar taghha. Aktar kmieni dak in-nhar kien hemm xi episodji ohra li

jikkoncernaw l-imputata u lil ohtha Antonia, ghalhekk hekk kif l-imputata kienet ghaddejja u fit-triq rat lil ohtha marret fuqha biex tiehu s-sodisfazzjon. Inqala argument shun li fih Antonia Debattista spiccat bil-griehi (f'subajha u f'halqha) deskrkitti fic-certifikat mediku esebiet. Debattista tallega ukoll li apparti l-griehi soffriet danni fil-van imsemmi.

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulat li minbarra bint l-imputata (tifla ta' ghaxar snin li gustament ma tressqietx bhala xhud) ma kienx hemm xhiedha okkulari ta'l-incident. Huwa minnu li Giovanna Caruana u Luana Caruana (oht u neputija rispettivament ta' Debattista u Zammit) marru fuq il-post pero meta huma waslu l-glieda kienet diga spiccat u z-zewg partijiet kienu mifruqin. Anke l-pulizija tal-mobile li l-ewwel waslu fuq il-post ma rawx glied ghaliex apparentement hekk kif waslu huma l-glieda waqfet.

Illi Antonia Debattista rrikkontat li waqt li hija kienet fil-van giet ohtha fuqha, bdiet tajjat u dahlet idejha mit-tieqa biex taghmel ghaliha, meta rat hekk Debattista harget mill-van u ohtha granfatha minn ghonqha ghalhekk Debattista bdiet taghti biex tiddefendi lilha nnifisha u b'xi mod subghajha spicca go halq Zammit u din gidmithu. Debattista tghid ukoll li f'dan l-incident ohtha ghamlet hsara fil-van.

Illi kemm mill-istqarrija u d-depozizzjoni taghha, kif ukoll mis-sottomissjonijiet maghmula f'isimha jidher li l-imputata mhiex qed tikkontesta li kien hemm argument shun bejnha u bejn ohtha u li anke gew f'l-idejn pero tghid li l-argument bdietu ohtha u li kull ma ghamlet hi kien li ddefendiet ruhha u ghalkemm gidmet subghaj ohtha dan "mhux ghax ridet"; hija tichad li kkawzat xi danni fil-vettura ta' ohtha.

Illi minkejja dan il-kunflitt fiz-zewg verzjonijiet dwar kif beda l-incident jirrizulta ampjament li waqt din il-glieda Zammit, li ta minn jirrileva ma soffriet l-ebda griehi f'dan l-incident, gidmet subghaj ohtha Antonia Debattista u kkawzatilha griehi mhux biss f'subghajha imma anke xi griehi fuq xoffietha. Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li t-

tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputata tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi mill-provi jirrizulta ukoll li waqt dan l-incident kien hemm ghajjat u glied kemm fiziku kif ukoll verbali; m'hemm l-ebda dubbju ghalhekk li fil-kors ta' l-incident inkiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

Illi dwar il-hsara fil-vettura, in vista tad-depozizzjoni ta' Joseph Debattista dwar l-ezistenza ta' xi hsara fil-van qabel id-data ta' l-incident, jezisti dubbju dwar meta giet ikkawzata l-hsara reklamata minn Antonia Debattista. Konsegwentement fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni ma gietx pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi li fihom beda l-argument u l-isfond ta' disgwid familjari li fih sehh dan l-incident, kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputata li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 221, 222(1)(a), u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena. In oltre biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Antonia Debattista u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika qed torbot lill-imputata Rita Zammit b'obbligazzjoni taghha nnifisha ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) li ma ddejjaqx u ma timolestax lil Antonia Debattista.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------